**QORTI ĊIVILI – PRIM'AWLA**

**(Sede Kostituzzjonali)**

Onor. Imħallef Dr. Giovanni M Grixti LL.M., LL.D.

**Rikors Nru: 6/2024/1 GG**

**Johan Sultana (K.I 47882M)**

**vs.**

**L-Avukat tal-Istat;**

**L-Avukat Generali; u**

**Il-Ministeru tal-Gustizzja**

Illum 13 ta' Jannar 2025

**<u>Mizura ad interim</u>**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors ta' Johan Sultana (K.I 47882M) [minn issa ir-"**Rikorrenti**"] ippreżentat quddiem din il-Qorti fit-12 ta' Dicembru, 2024 li bih talab mizura *ad interim* skond id-disposizzjoni tal-artikolu 46 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, biex tkun sospiza l-piena karcerarja imposta fuqu sakemm ikunu

decizi l-proceduri ta' natura kostituzzjonali u konvenzjonali fl-istess ismijiet bin-numru 6/2024;

Rat id-digriet taghha tal-20 ta' Dicembru, 2024 wara li r-rikors promutur ngieb a konjizzjoni tal-Qorti tardivament, li bih ordnat in-notifika lill-kontropartijiet bi zmien tlett ijiem ghar-risposta u appuntat l-istess ghas-smiegh ghall-udjenza tas-27 ta' Dicembru, 2024 fid-9.30am;

Rat illi fl-udjenza tas-27 ta' Dicembru, 2024 ma sar xejn stante li ma deher hadd kif ukoll ma kienet intavolata ebda risposta u dan dovut ghall-fatt illi r-rikors promutur u d-digriet tal-Qorti baqghu ma hargux ghan-notifika kif ordnat u r-rikors kien differit ghas-7 ta' Jannar, 2025;

Rat ir-risposta kongunta tal-Avukat tal-Istat, tal-Avukat Generali u tal-Ministru tal-Gustizzja pprezentata fir-Registru ta' din il-Qorti fit-30 ta' Dicembru, 2024 li bih oggezzjonaw ghat-talba ghar-ragunijiet hemm infraskritti;

Semghet lill-partijiet fl-udjenza tas-7 ta' Jannar, 2025;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat:

1. Illi r-Rikorrent ressaq is-segwenti premessi u talba:

Illi l-istess esponenti jixtieq igib a formali konjizzjoni ta' din l-Onorabbli Qorti li fil-kas in ezamina, l-esponenti qieghed jiskonta sentenza li giet reza in gudikat u dan b'sentenza mghotija quddiem l-appell Kriminali f'sede inferjuri. L-istess lanjanzi gew ukoll senjalati b'rikors *ad hoc* quddiem l-istess Qorti tal-Appell Kriminali (Sede inferjuri);

Illi prezenzjalment l-esponenti qieghed jiskonta piena karcerarja fil-facilita' korrettiva ta' kordin u dwar il-piena effettiva ma jhossx li ghandu jinoltra fi spjegazzjoni ulterjuri;

Il-pern tal-lezjoni allegata tirrelata dwar id-diskrezzjoni tal-prosekuzzjoni u kif ukoll l-istess nuqqasijiet li taw lok ghall-proceduri ordinarji fejn l-istess esponenti instab hati u gie inflitt piena karcerarja, naturalment l-istess proceduri huma karatterizzati minn diversi istanzi fejn l-istess lezjonijiet gew dikjarati u trattati, izda l-procedura penali ma offrietx soluzzjonijiet ordinarji;

Illi ghalhekk kellha tigi pprezentata l-kawza odjernza ghaliex l-esponent jemmen li l-Art. 738(1) (u konsegwenzjalment l-art. 740) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta huwa leziv tad-dritt fondamentali ghal smigh xieraq li huwa ghandu jgawdi u ghandu frott il-Kostituzzjoni ta' Malta (art. 39) u l-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem (art. 6) ghax jiddemolixxi, jeqred u jfarrak l-aforizma nemo iudex in causa propria;

Illi t-tieni lezjoni li garrab l-imputat Sultana tikkostitwixxi fil-fatt li l-prosekuzzjoni uzat id-diskrezzjoni li hija ghandha sabiex

tinvestiga u tipprosekwixxi b'mod fejn l-imputat soicca f'sitwazzjoni fejn minn ibbenifika minn l-istess fondi li gew allegatament imhalsin minnu sabiex tinxtara l-propjeta' bl-indirizz ta' "Bliss Massage" li huwa sitwat gewwa 64, Triq San Pietru, l-Fgura";

Ghaldaqstant, qieghed jigi mitlub sabiex din l-Onorabbli Qorti taghti ordni ad interim sabiex b'mod immedjat u pendenti litis, ikun hemm is-sospensjoni ta' kwalunkwe skontar ta' prigunerija effettiva u taht dawk il-provedimenti li din l-Onorabbli Qorti jidhrilha li huma xierqa u opportuni u prevja li tqis id-depozizzjonijiet ipprezentanti f'l-inkartament tal-odjerna kawza.

2. L-Avukat tal-Istat, l-Avukat Generali u l-Ministeru tal-Gustizzja wiegbu hekk:

1. Permezz ta' rikors datat 12 ta' Diċembru, 2024, Johan Sultana ("ir-rikorrent") talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex "*tagħti ordni ad interim sabiex b'mod immedjat u pendente litis, ikun hemm is-sospensjoni ta' kwalunkwe skontar ta' priġunerija effettiva ...*"
2. Permezz ta' digriet mogħti nhar l-20 ta' Diċembru, 2024, din l-Onorabbli Qorti ordnat li r-rikors surreferit jiġi notifikat lill-esponenti bi tlett ijiem għar-risposta, filwaqt li appuntat ir-rikors għal nhar is-27 ta' Diċembru, 2024 fid-09:30.
3. Madankollu iżda, l-esponenti ma ġewx notifikati bir-rikors odjern, u fis-seduta tas-27 ta' Diċembru, 2024, wara li din l-Onorabbli Qorti osservat li r-rikors u l-appuntament ma ġewx notifikati lill-partijiet, ħalliet ir-rikors għas-sottomissjonijiet għas-7 ta' Jannar, 2024.

4. L-esponent Avukat tal-Istat ġie notifikat aktar tard fis-27 ta' Diċembru, 2024. Permezz tal-preżenti, l-esponenti qegħdin bil-preżenti jopponu għat-talba tar-rikorrent, u dan għas-segwenti raġunijiet.

5. It-talba tar-rikorrenti hi għall-ħruġ ta' rimedju provviżorju. Fuq l-iskorta tal-insenjament tal-ġurisprudenza tal-Qrati nostrana, jinkombi fuq ir-rikorrent li juri li (a) għandu dritt prima facie li nkiser; u (b) ser ikun hemm ħsara rrimedjabbli f'kaz li ma tinħariġx il-miżura provviżorja. Dawn iż-żewġ rekwiżiti huma kumulattivi u mhux alternattivi bil-konsegwenza li għandhom jiġu sodisfatti t-tnejn li huma sabiex it-talba tar-rikorrent tiġi milqugħa minn din l-Onorabbli Qorti.

   Bħala prinċipju ta' dritt, l-għoti ta' rimedju provviżorju m'għandiex tkun ir-regola kull meta jkun hemm allegazzjoni ta' ksur tad-drittijiet fundamentali tal-bniedem, tkun xi tkun. Pjuttost bil-kontra, rimedji provviżorji għandhom jingħataw **biss** f'każijiet estremi u eċċezzjonali. Hekk per eżempju, l-awtriċi **Karen Reid** fil-ktieb tagħha, **A Practitioner's Guide to the European Convention on Human Rights** tgħid:

   *"As a general practice, (interim) measures are applied only when there is an apparent real and imminent risk of irreparable harm to life and limb (cases under article 2 and 3) … Matters of detention or interference with property, for example are not regarded as necessating interim measures."*

   Dan il-prinċipju huwa mħaddan sew fil-ġurisprudenza tagħna. Hekk per eżempju fil-provvediment mogħti fl-ismijiet **Angelo Frank Paul Spiteri vs. L-Avukat Ġenerali**,[1] il-Qorti Kostituzzjonali osservat:

[1] Angelo Frank Paul Spiteri vs. L-Avukat Ġenerali, Qorti Kostituzzjonali, mogħti fid-9 ta' Jannar, 2017.

"li f'materja tal-hekk imsejħa interim measures huwa ċar l-insenjament ta' din il-Qorti li tali miżuri għandhom jittieħdu biss f'każijiet ta' urġenza u saħansitra f'każijiet ta' "urġenza estrema" fejn in-nuqqas ta' teħid ta' tali miżuri jirriżulta, jew jazzarda li jirriżulta, fi ħsara irreparabbli għall-interessi vitali tal-parti konċernata jew għall-perkors tal-eżami li l-Qorti jkun jeħtiġilha tagħmel. (Ara Q. Kost. **Joseph Camilleri v. Avukat Ġenerali**, 1/7/2013, li ċċitat b'approvazzjoni mill-ktieb "**Theory and Practice of the** ***European Convention on Human Rights" ta' Van Dijk et*** *(4 ediz. 2006, paġna 113)). Din il-Qorti rriteniet ukoll li miżuri ad interim huma indikati f'każijiet eċċezzjonali. (Ara Q. Kost.* ***Joseph Ruggier et v. Joseph Olivier Ruggier et****, 22/8/2005 #7, #11 [Q.Kost.* ***Federation of Estate Agents v. Direttur Ġenerali (Kompetizzjoni)****, deċiża 25 ta' Settembru 2014]"*

Huwa paċifiku li sabiex jingħata rimedju provviżorju, irid jintwera li hemm riskju **imminenti u reali** fuq il-persuna li tkun qed titolbu (ara inter alia **Edward Cassar vs. Avukat Ġenerali et** maqtugħa mill-Qorti Kostituzzjonali fil-15 ta' Frar 2016, **Martin Dimech vs. Avukat Ġenerali** mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) fis-17 ta' Settembru, 2013 u **Daniel Alexander Holmes vs. Avukat Ġenerali et** mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) fis-16 ta'April, 2014).

Referenza ssir ukoll għad-digriet mogħti fl-ismijiet **HSBC Bank (Malta) p.l.c. vs. L-Avukat tal-Istat et** mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) nhar is-16 ta' Ġunju, 2020:

"Mill-prattika ta' dawn il-Qrati, jistgħu jinsiltu għadd ta' linji-gwida fl-għoti o meno ta' interim measures. B'mod ġenerali, dawn isegwu l-orjentament tal-Qorti Ewropea, iżda hemm istanzi fejn jagħtu r-rimedji wkoll fejn il-Qorti ta' Strasburgu aktarx ma takkordax interim measures:

1. Ir-rimedju jingħata biss meta **ma jkun hemm l-ebda rimedju ordinarju a disposizzjoni tar-rikorrent**. Tenut kont li talba għal "rimedju temporanju" taqa' biex tiġi kkunsidrata taħt l-artiklu 4(2) tal-Kap. 319 u 46(2) tal-Kostituzzjoni, isegwi li l-proviso tal-istess subartikli japplika wkoll għal dik it-talba u li għalhekk din il-Qorti tista' tiddeklina milli teżerċita s-setgħat tagħha skont l-istess subartikli f'kull każ fejn tkun sodisfatta li mezzi xierqa ta' rimedju għall-ksur allegat huma jew kienu disponibbli favur il-persuna skont xi liġi ordinarja.

2. Biex ikun jista' jingħata rimedju provviżorju, jeħtieġ li min jitolbu juri li hemm każ **prima facie ta' ksur** ta' jedd fundamentali. Mhux biżżejjed li wieħed joqgħod biss fuq xi **sitwazzjoni ipotetika** jew li **mhix ċerta li sseħħ**.

3. Tkun sejra sseħħ **ħsara li ma tkunx tista' titreġġa' lura** għall-**interessi vitali** tal-parti kkonċernata jew għall-perkors tal-eżami li l-Qorti jkun jinħtiġilha tagħmel. Ingħad f'dan il-kuntest li l-għoti tal-interim order jingħata biss **eċċezzjonalment** f'każijiet ta' "**urġenza estrema**.

[…]

4. L-eżistenza ta' **riskju imminenti**, li għalhekk jimmerita t-teħid ta' miżuri urġenti. Sabiex ikun hemm lok għat-teħid ta' *interim measure* il-ħsara mhedda jeħtieġ li tkun **mhux biss irreparabbli iżda wkoll imminenti** għaliex altrimenti ma jistax jingħad li hemm dik l-urġenza li tiskatta l-ħtieġa tat-teħid tal-miżura eċċezzjonali msemmija.

[…]

5. **Fil-każ li jkun hemm ġudikat, xorta jista' jingħata r-rimedju proviżorju, iżda biss f'każijiet verament eċċezzjonali**. Ladarba jkun hemm sentenza li saret ġudikat, din għandha l-effett li tistabilixxi fatt aċċertat għaliex ir-regola f'kull

ordinament li jissejjes fuq is-saltna tad-dritt hi li sentenza *pro veritate habetur*. Sentenza tista' titwaqqa' biss b'sentenza oħra u mhux b'allegazzjoni dwar is-siwi tagħha, u sakemm ma tingħatax sentenza bħal dik, is-sentenza għandha normalment tibqa' tgħodd, *salv każijiet eċċezzjonali*."
[Enfasi tal-Qorti]

6. Istanzi fejn talbiet għal rimedju provviżorju ġew miċħuda jinkludu: talbiet għas-sospensjoni ta' ġuri sakemm tiġi deċiża kawża kostituzzjonali,[2] talba għas-sospensjoni ta' ordni ta' tneħħija[3] u talbiet għal skarċerazzjoni mill-ħabs sakemm jinqatgħu kawżi kostituzzjonali.[4]

7. Fl-isfond ta' dan kollu, jonqos biss li tiġi indirizzata t-talba tar-rikorrent. Bid-dovut rispett, ir-rikors in kwistjoni huwa xott ħafna u ma jispjegax wisq għala għandu jingħata rimedju provviżorju. Fir-rikors, ir-rikorrent jagħti rendikont qasir ta' x'inhuma l-ilmenti kostituzzjonali u konvenzjonali tiegħu, ossia li jqis li l-artikolu 738 u 740 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, u kif il-Prosekuzzjoni wżat id-diskrezzjoni tagħha fil-konfront tiegħu wasslu għal ksur tal-jedd għal smigħ xieraq.

8. Meta jitqiesu ċ-ċirkostanzi kollha elenkati fl-analiżi dettaljata surreferita fil-każ ta' **HSBC Bank (Malta) p.l.c. vs. L-Avukat tal-Istat et**, l-uniku punt favur ir-rikorrent huwa l-fatt li l-proċeduri ordinarji li dwarhom ilmenta issa ntemmu. Min-naħa l-oħra iżda, il-punti kollha l-oħra għadhom jgħoddu kontrih.

9. Il-fatt li saru allegazzjonijiet mir-rikorrent dwar l-istat tal-Liġi, u li huwa tal-opinjoni li l-

---

[2] Ara Joseph Camilleri vs. Avukat Ġenerali, Qorti Kostituzzjonali, mogħti fl-1 ta' Lulju, 2013 u Rosario sive Sario Sultana vs. Avukat Ġenerali et, Qorti Kostituzzjonali mogħti fis-27 ta' Frar, 2017.

[3] Ara Stephen Nana Owusu vs. Kummissarju tal-Pulizija bħala Uffiċjal Prinċipali tal-Immigrazzjoni et, Qorti Kostituzzjonali, mogħti fit-13 ta' April, 2018.

[4] Ara Daniel Alexander Holmes vs. Avukat Ġenerali et, Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali), mogħti fis-16 ta' April, 2014, Trevor Bonnici vs. L-Avukat Ġenerali, Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali), mogħti fit-30 ta' Mejju, 2016, u Raymond Mifsud vs. L-Avukat Ġenerali et, Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali, mogħti fis-7 ta' Awwissu, 2017.

Prosekuzzjoni wżat id-diskrezzjoni tagħha b'mod ħażin ma jfissrux li r-rikorrent wera *prima facie* lok ta' ksur tal-jeddijiet fundamentali tiegħu. Ir-rikorrent ma ċċita ebda każ paragunabbli fejn instab ksur li bis-saħħa tiegħu, kien ikun almenu wera li hemm lok *prima facie* ta' ksur. Għaldaqstant, ladarba dan l-element ma ġiex sodisfatt, din l-Onorabbli Qorti tista' tiċħad it-talba tar-rikorrent.

10. Mingħajr preġudizzju għas-suespost, il-ħsara lamentata mir-rikorrent – li hu qiegħed jiskonta piena karċerarja – mhiex waħda kontra l-interessi vitali tiegħu, ta' urġenza estrema jew b'xi mod jew ieħor irreparabbli. B'żieda ma' dan, il-fatt hu li hemm sentenza li għaddiet in ġudikat kontrih, u għalhekk huwa biss f'każijiet verament eċċezzjonali li jingħataw rimedji provviżorji.

11. Id-digriet surreferit ta' **HSBC Bank (Malta) p.l.c. vs. L-Avukat tal-Istat et** jagħti diversi eżempji ta' każijiet oħra fejn saru talbiet biex sentenzi mogħtija mill-qrati penali ma jiġux eżegwiti, u li ġew miċħuda. L-uniku eżempju fejn talba ta' din ix-xorta ġiet milqugħa kien fiċ-ċirkostanzi straordinarji ta' **Emanuel Camilleri vs. Spettur Louise Calleja et**,[5] fejn fil-mori ta' dawk il-proċeduri kostituzzjonali kien hemm żviluppi fejn ħareġ li x-xhud primarju li kienet xehdet fil-konfront ta' Emanuel Camilleri kienet filfatt gidbet taħt ġurament.

12. Fil-każ odjern, l-elementi neċessarji sabiex jingħata rimedju provviżorju sempliċiment ma jeżistux. Ma hemm ebda theddida għall-interessi vitali tar-rikorrent, ma hemm ebda urġenza (tant li r-rikorrent għoġbu jagħmel dan ir-rikors ftit inqas minn tlett xhur wara li l-Qorti tal-Appell Kriminali ċaħdet l-appell tiegħu, fiż-żmien tal-festi), u fuq kollox, ir-rikors odjern ma hu xejn ħlief tentattiv fqir

---

[5] Emanuel Camilleri vs. Spettur Louise Calleja et, Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali), 2 ta' Ġunju, 2014.

biex iġib fix-xejn sentenza li għaddiet f'ġudikat kontrih.

13. Fid-dawl ta' dan kollu għalhekk, l-esponenti jissottomettu li din l-Onorabbli Qorti għandha **tiċħad** it-talba tar-rikorrent, bl-ispejjeż ta' din l-istanza kontrih.

**<u>Il-Fatti:</u>**

3. Illi mir-rikors promutur, sfortunatament ghal-procedura ta' din il-portata, il-fatti huma skarsi hafna ghajr li tissemma sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali u l-Artikoli 738 u 740 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta. Mandanakollu, l-kwistjoni odjerna hija marbuta mal-procedura fl-istess ismijiet ukoll pendenti quddiem din il-Qorti bin-numru 6/2024 u minn hemm jistghu jkunu estrapolati s-segwenti fatti;

4. Ir-Rikorrenti, flimkien ma persuna ohra, kien misjub hati mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali ta' reati allegati fil-konfront tieghu (sentenza mhix esebita), li minnha intavola appell quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) (Rikors tal-Appell u kopja tal-process kriminali esebiti fil-mori tal-procedura odjerna). F'dak l-appell, ir-rikorrenti jilmenta li kien zgwidat mill-Magistrat Istruttur meta kkummentat favorevolment li kwantu l-imputazzjoni ta' hasil ta' flus ma kienux jirrafiguraw l-element ta' dak ir-reat. Kawza ta' hekk rregola d-difiza tieghu skond dawk ic-cirkostanzi u minkejja dan instab hati xorta wahda ta' l-imputazzjoni relevanti. Oltre minn hekk, ir-Rikorrent kien talab ir-rikuza tal-istess Magistrat liema talba kienet michuda

u li ma setghax jappella minnha stante li tali procedura mhix sostenuta mill-ordni procedurali tal-pajjiz. Ir-rikorrenti, izda, ssoleva dawn iz-zewg ilmenti bhala aggravji fl-appell tieghu;

5. Fil-mori tar-rikors numru 6/2024, il-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) prolatat is-sentenza mill-appell tar-Rikrorenti (sentenza mhix esebita) u jidher li r-Rikorrenti issa qed jiskonta piena karceraja in forza tas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali. Tajjeb li jkun osservat ukoll illi l-ko-imputata ma appellatx mis-sentenza kontra taghha u ghalhekk fil-konfront taghha s-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati ghaddiet in gudikat. Ghaddiet in gudikat ukoll, ghalhekk, is-sentenza kontra r-Rikorrent wara l-ezitu tal-proceduri quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali;

6. Ir-Rikorrenti, issa, qed jitlob din il-mizura provizorja li l-piena karcerarja tkun sospiza sakemm tkun deciza l-kawza kostituzzjonali minnu ntentata numru 6/2024;

**<u>Ir-rimedju provvizjori intentat mir-Rikorrenti</u>**:

7. Illi huwa pacifikament akkolt fil-gurisprudenza tal-qrati taghna illi l-artikolu 46 tal-Kostituzzjoni ta' Malta fis-subartikolu (2) tieghu u l-atrikolu 4(1) u (2) tal-Kapitolu 319 jaghtu l-poter lil din il-Qorti fil-kompetenza kostituzzjonali taghha sabiex tohrog ordni provvizorja bil-ghan li twaqqaf milli ssir jew tissokta azzjoni li tista' tkun leziva tad-drittjiet fundamentali. Dan l-artikolu jipprovdi hekk:

**46 (2) Il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili għandu jkollha ġurisdizzjoni oriġinali li tisma' u tiddeċidi kull talba magħmula minn xi persuna skont is-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu, u tista' tagħmel dawk l-ordnijiet, toħroġ dawk l-atti u tagħti dawk id-direttivi li tqis xierqa sabiex twettaq, jew tiżgura t-twettiq ta' kull waħda mid-disposizzjonijiet tal-imsemmija artikoli 33 sa 45 (magħdudin) li għall-protezzjoni tagħhom tkun intitolata dik il-persuna:**

**Iżda l-Qorti tista', jekk tqis li jkun desiderabbli li hekk tagħmel, tirrifjuta li teżerċita s-setgħat tagħha skont dan is-subartikolu f'kull każ meta tkun sodisfatta li mezzi xierqa ta' rimedju għall-ksur allegat huma jew kienu disponibbli favur dik il-persuna skont xi liġi oħra.**

8. Illi harsa lejn is-sentenzi fl-ismijiet **Joseph Emmanuel Ruggier et vs Joseph Oliver Ruggier pro et noe et** (Qorti Kost. 22/08/2005 ) u **Sherif Mohamed Shennawyh v. l-Avukat Generali et** (Qorti Kost 29/03/2019) fost skorta ta' sentenzi jaghtu sostenn bizzejjed sabiex il-Qorti ma tinoltrax aktar minn hekk fuq l-ezistenza ta' dan il-jedd ta' protezzjoni kif emergenti mill-artikoli msemmija *supra;*

9. Illi daqstant iehor huwa principju ben stabbilit kwantu l-applikabbilita' ta' dan il-jedd u r-ricerka li jehtieg taghmel il-Qorti biex tasal takkorda dik l-ordni u f'dan ir-rigward tajjeb li ssir referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **Mamatkulov and Askarov vs Turkey** (Application Nrs: 46827/99 and 46951/99 ECtHR (Grand Chamber) fejn kien ritenut:

*"104. Interim measures have been indicated only in limited spheres. Although it does receive a number of requests for interim measures, in practice the Court applies Rule 39 only if there is an imminent risk of irreparable damage. While there is no specific provision in the Convention*

*concerning the domains in which Rule 39 will apply, requests for its application usually concern the right to life (Article 2), the right not to be subjected to torture or inhuman treatment (Article 3) and, exceptionally, the right to respect for private and family life (Article 8) or other rights guaranteed by the Convention. The vast majority of cases in which interim measures have been indicated concern deportation and extradition proceedings.*

Tissokta tirritjeni l-qorti illi:

*108. In cases such as the present one where there is plausibly asserted to be a risk of irreparable damage to the enjoyment by the applicant of one of the core rights under the Convention, the object of an interim measure is to maintain the status quo pending the Court's determination of the justification for the measure. As such, being intended to ensure the continued existence of the matter that is the subject of the application, the interim measure goes to the substance of the Convention complaint. As far as the applicant is concerned, the result that he or she wishes to achieve through the application is the preservation of the asserted Convention right before irreparable damage is done to it. Consequently, the interim measure is sought by the applicant, and granted by the Court, in order to facilitate the "effective exercise" of the right of individual petition under Article 34 of the Convention in the sense of preserving the subject matter of the application when that is judged to be at risk of irreparable damage through the acts or omissions of the respondent State".*

10. Illi fis-sentenza **HSBC Bank (Malta) plc vs l-Avukat tal-Istat et** (PA (Sede kost) 16/06/2020) il-Qorti ghaddiet in rassenja numru ta' sentenzi li minnhom siltet princjipji li qieset bhala linji gwida fil-hrug tal-ordni bhal dik intentata meta rriteniet:

Mill-prattika ta' dawn il-Qrati, jistgħu jinstiltu għadd ta' linji-gwida fl-għoti o meno ta' interim measures. B'mod ġenerali, dawn isegwu l-orjentament tal-Qorti Ewropeja, iżda hemm istanzi fejn jagħtu r-rimedji wkoll fejn il-Qorti ta' Strasburgu aktarx ma takkordax interim measures:

1. Ir-rimedju jingħata biss meta **ma jkun hemm l-ebda rimedju ordinarju a disposizzjoni tar-rikorrent.** Tenut kont li talba għal

"rimedju temporanju" taqa' biex tiġi kkunsidrata taħt l-artiklu 4(2) tal-Kap. 319 u 46(2) tal-Kostituzzjoni, isegwi li l-proviso tal-istess subartikli japplika wkoll għal dik it-talba u li għalhekk din il-Qorti tista' tiddeklina milli teżerċita s-setgħat tagħha skont l-istess subartikli f'kull każ fejn tkun sodisfatta li mezzi xierqa ta' rimedju għall-ksur allegat huma jew kienu disponibbli favur il-persuna skont xi liġi ordinarja.

2. Biex ikun jista' jingħata rimedju provviżorju, jeħtieġ li min jitolbu juri li hemm każ ***prima facie* ta' ksur** ta' jedd fundamentali. Mhux biżżejjed li wieħed joqgħod biss fuq xi **sitwazzjoni ipotetika** jew li **mhix ċerta li sseħħ.**

3. Tkun sejra sseħħ **ħsara li ma tkunx tista' titreġġa' lura** għall-**interessi vitali** tal-parti kkonċernata jew għall-perkors tal-eżami li l-Qorti jkun jinħtiġilha tagħmel . Ingħad f'dan il-kuntest li l-għoti tal-interim order jingħata biss **eċċezzjonalment** f'każijiet ta' "**urġenza estrema**".

4. L-eżistenza ta' riskju imminenti, li għalhekk jimmerita t-teħid ta' miżuri urġenti. Sabiex ikun hemm lok għat-teħid ta' interim measure l-ħsara mhedda jeħtieġ li tkun mhux biss irreparabbli iżda wkoll imminenti għaliex altrimenti ma jistax jingħad li hemm dik l-urġenza li tiskatta l-ħtieġa għat-teħid tal-miżura eċċezzjonali msemmija;

5. Fil-każ li jkun hemm ġudikat, xorta jista' jingħata r-rimedju proviżorju, iżda biss f'każijiet verament eċċezzjonali;

11. Din il-Qorti taghmel taghha dan l-insenjament gia addottat f'kawzi ohra bhala linji gwida u ghalhekk taghzel li tissokta bl-ezami tal-kwistjoni hawn skrutinata fl-isfond ta' dawn il-kriterji.

Issa, **ir-Rikorrenti** qed jitlob din il-mizura bil-ghan li tkun sospiz l-piena karcerarja mposta fuqu mill-Qorti tal-Appell Kriminali.

12. Konsiderati l-fatti fil-kwadru tal-linji gwida citati, ghad illi jirrizultax li issa r-Rikorrenti ezawrixxa r-rimedji ordinarji miftuha ghalih (l-ewwel linja gwida), il-karcerazzjoni tieghu hija rizultat ta' proceduri kriminali li minnha ghaddha l-imputat anke mill-fazi revizorja fejn apparentament kienet konfermat is-sejbien ta' htija (jekk hux f'parti u f'kull imputazzjoni misjub hati fil-prim'istanza – la darba s-sentenza finali ghadha mhix esebita). Issa, kif gia inghad, fil-lanjanzi tieghu, r-Rikorrenti jilmenta minn lezjoni tal-jeddijiet kostituzzjonali u konvenzjonali tieghu minhabba l-agir tal-Magistrat Istruttur u n-nuqqas ta' opportunita' li jappella minn digriet sfavorevoli ta' rikuza;

13. Il-Qorti mhix qed tirraviza dik l-urgenza estrema, vitali u rrimedjabbli fil-kaz mressaq mir-Rikorrenti. Ezaminati l-atti ukoll mill-ottika ta' dak li sehh waqt is-seduti bl-opportunita' li r-Rikorrenti jinghata rimedju ferm aktar kmieni, minghajr tlaqliq l-Qorti hi tal-fehma li din il-procedura eccezzjonali ma ghandhiex tkun adoperata bhal forma ta' tieni appell meta din mhix sostenuta mill-Ligijiet tal-pajjiz. Minkejja li fis-sottomissjonijiet verbali tieghu l-abbli difensur tar-Rikorrenti ghamel referenza ghall-okkazzjonijet fejn il-Qorti Kostituzzjonali jew din il-Qorti laqghet talbiet ghall-mizuri provizorji, ma hemmx xebh bejn dawk il-kawzi u din. Ma jfissirx b'daqshekk illi t-talba tar-Rikorrenti ghandha tkun michud fuq hekk ghaliex kull kaz huwa uniku ghalih innifsu u ghandu jkun deciz fuq il-mertu tieghu. Jibqa l-fatt izda, li r-Rikorrenti ma ressaq l-ebda argument jew fatt li ghandu

jikkonvinci lill-Qorti li l-kwistjoni tieghu taqa' fil-parametri tal-linji gwida fuq imsemmija;

14. Ghal dawn ir-ragunijiet tiddisponi minn dan ir-rikors billi tichad t-talba.

L-ispejjez ta' din il-procedura huma rizervati ghall-gudizzju finali fil-mertu.

Onor. Dr. Giovanni M Grixti
Imħallef

Nicole Cini
Deputat Reġistratur